# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' nhar it-13 ta' Frar 2023**

**Talba nru. 59/2021**

**VODAFONE MALTA LIMITED ILLUM EPIC COMMUNICATIONS LIMITED (C- 10865)**

***VERSUS***

**JOSEPH MARIO CREMONA (ID 3682G)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avviz ipprezentat fis-17 ta' Frar 2021 is-socjeta attrici talbet lill-konvenut il-hlas ta' l-ammont ta' elf mitejn u tlettax-il Ewro u tmintax-il centezmu (Eur 1,213.18) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telfonija cellulari bil-kont numru 1.11010642 fuq talba u a beneficcju tal-intimat. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fit-18 ta' Marzu 2021 (a fol.9) u issottometta risposta fit-30 ta' Marzu 2021 (fol. 11) fejn eccepixxa illi l-ammont assolutament mhux dovut mill-intimat lis-socjeta mittenti illi ilha taf ghal snin illi kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' l-intimat. Illi s-socjeta attrici iccargjat lill-istess intimat ammonti li ma kienux dovuti skond l-istess kuntratt u dan minkejja korrispondenza estensiva fuq dan l-istess punt. Illi mhux minnu li s-socjeta attrici ppruvat tinterpella lill-intimat kif jista jirrizulta minn semplici tiftixa ta' l-atti fir-Registru tal-Qorti.

Ra l-affidavit ta' Dr.Jeremy Debono u x-xhieda ta' Dr. Mariah Mula tas-16 ta' Gunju 2022 in rapprezentanza tas-socjeta attrici, li kkonfermaw illi dak esebit fl-istatements prezentati mat-talba ghadom dovuti mill-konvenut.

Ra l-affidavit tal-konvenut pprezentat fil-21 ta' Novembru 2022.

Ra illi s-socejta attrici irrimetiet ruhha ghall atti processwali filwaqt illi sema t-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut fl-24 ta' Jannar 2023.

Ra l-atti processwali kollha;

Ikkunsidra

Illi r-rapprezentanti tas-socjeta attrici ikkonfermaw illi l-konvenut huwa debitur fl-ammont ta' elf u mitejn u tlettax-il Ewro u tmintax-il centezmu u dan a bazi tar-rendikont li gie pprezentat mat-talba u li jinsabu a fol.2 u 3.

Illi l-konvenut min-naha tieghu stqarr illi kien dahal f business contract mas-socjeta attrici fil-bidu tas-sena 2016 u li kien gie assigurat illi bil-hlas ta' sittin Ewro fix-xahar dan kellu jkopri telefonati u messaggi u uzu ta' internet. Sabiex jaghmel il-hlas, il-konvenut kien ghamel direct debit mal-bank. Il-konvenut kien innota illi minkejja dak miftiehem, kien qed jiricievi kontijiet li kienu jmorru "over and above" dak li kien gie miftiehem li jhallas.

Illi meta l-konvenut kien ra illi qed jircievi kontijiet ferm ikbar minn dak miftiehem huwa kien ikkuntattja lis-socjeta attrici illi infurmatu illi kien qed jaghmel uzu mill-internet iktar minn dak pattwit. Sabiex ikopri dan l-uzu, l-konvenut qabel mal-proposta tas-socjeta attrici sabiex ihallas Eur 20 addizzjonali fix-xahar. Izda nel frattemp il-konvenut kien hallas madwar elf Ewro izjed minn dak pattwit permezz tal-business contract.

Illi permezz ta' email datata fid-9 ta' Jannar 2017, a fol.29, is-socjeta attrici qablet mal-konvenut illi kien hemm hlasijiet zejda u ghaldaqstant bdiet taghti rifuzjoni lill-konvenut fl-ammont totali ta' Eur 815.25.

Illi mijkejja din ir-rifuzjoni, illi skond il-konvenut lanqas inghatat fit-totalita taghha, is-socjeta attrici baqghet tibghat kontijiet li jeccedu dak pattwit. Konsegwentament, il-konvenut ma kellux triq ohra hlief li jittermina r-relazzjoni kummercjali li kellu mas-socjeta attrici.

Illi dan it-Tribunal ghandu quddiemu talba ghal hlas ta' l-ammont ta' Eur 1213.18 li hija bbazata biss fuq rendikont illi juri dak li thallas u dak li gie mitlub ihallas il-konvenut minghajr l-ebda motivazzjoni ta' minn fejn nibtu l-ammonti dovuti jew a bazi ta' liema dokument. Ix-xhieda tas-socjeta attrici jikkonfermaw biss illi dawn l-ammonti ghadom dovuti mill-konvenut.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut jaghti rendikont dettaljat, ossia anke b'ammissjonijiet cari min-naha tas-socjeta attrici, kif dokumentati, illi kien hemm diversi zbalji u ommissjionijiet fl-ammonti mitluba u mehudha lill-konvenut.

Li kieku l-konvenut ma kienx diligenti li jiccekkja u jivverifika dak li kien qed jittiehed dirett mill-kont tieghu, din is-saga setghet tkun ferm ikbar.

Illi dak li ddikjara l-konvenut partikolarment id-dokumenti pprezenati minnu flimkien ma' l-affidavit tieghu ma gewx kontradetti bl-ebda mod.

Huwa indubitat illi galadarba s-socjeta attrici qed tallega illi hemm dovut lilha hlas mill-konvenut, hija ghandha l-oneru illi tipprova, fuq bilanc ta' probabilitajiet, illi din il-pretiza taghha hija fondata. Kif jikteb l-awtur Franciz Auguste Sourdat, lill-parti attrici "*Spetta a lei di provare. Essa articola i fatti, ma ciò non basta, e tutto ciò che essa allega come vero non costituisce che una pretensione interessata, non già una testimonianza. Le pruove debbono sempre essere prese al di fuori di tali allegazioni. In una parola, la qualità di testimonio e quella di parte non possono qui separarsi*." (cfr. "Trattato Generale della Risponsabilità", Napoli, 1853; Vol.I; §347, p. 428). Ta' l-istess hsieb hu l-awtur modern Giorgio Bianchi ("La Prova Civile", CEDAM 2009; p. 172) li jghid hekk: "*Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte*."

F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidhirx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."*

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-produzzjoni ta' kont wahdu u l-konferma illi dan ghadu dovut ma jikkostitwiex bizzejjed prova biex ixejjen dak li qed jallega li gara l-konvenut. Wiehed kien jistenna illi s-socjeta attrici minn ta' l-inqas tispjega dak li thallas zejjed u dak li gie rifuz u kwalunkwe bilanc illi kien seta baqa a bazi tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet.

Illi l-konvenut ipproduca *emails* fejn rapprezentanti tas-socjeta attrici skuzaw ruhom mieghu u qablu li jaghtuh rifuzjoni. Ghaldaqstant dan it-Tribunal isibha difficli biex jifhem kif filwaqt li s-socjeta attrici bdiet taghti rifuzjoni lill-konvenut fl-istess hin interpellatu jhallas ghall-ammonti li ma kienux johorgu mill-kuntratt iffirmat.

**Decide**

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talba attrici ghax mhux pruvata sal-grad rikjest fil-Ligi, bl-ispejjez ta' dan il-procediment ikunu kollha a karigu ta' l-attrici.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur